## KRONAKA TAL-GĦAQDA

### IL-PROF. KAN. DUN DWARD COLEIRO

**maħtur Kanonku Koadjutur tal-Kattidral.**

Għandna l-pjaċir inħabbru illi l-Professur Kan. Dun Dward Coleiro, B.A., B.L.Can., D.D., Ph.D. (Lond.), Membru Akkademiku tal-Għaqda u tal-Kunsill, ġie maħtur bħala Kanonku Koadjutur tal-Knisja Kattidrali ta' Malta. Il-Professur Coleiro huwa biżżejjed magħruf għall-ħidma tiegħu fil-kamp ekklezjastiku, u lilu ngħataw kemm-il darba diversi karigi importanti fejn jidħlu interessi filantropiċi, soċjali u reliġjużi mill-Kurja Arċiveskovili u, għalhekk, in-nomina ġdida tiegħu kienet tistħoqqlu għal bosta merti li għandu.

Bħala wieħed mill-membri prominenti tal-Għaqda li minnu rat ħafna ġid fil-kwalità tiegħu bħala Membru tal-Kunsill, aħna nifirħulu bil-qalb kollha u nixtiqulu riżq u hena fil-karriera dinjituża tiegħu.

---

## HOLMA

*Ta'* A. Cremona

Noħlom : quddiem għajnejja
nara jbajjad iż-żah'r
tas-siġra tiegħi ;
u nistħajjilha għaddejja
minn fuqi l-istaġun
ta' żmien li tar
bla dmugħ, bla mrar.

Noħlom : quddiem għajnejja
nara jħammar il-ward
tax-xtieli tiegħi ;
u nistħajjilha għaddejja
minn fuqi l-istaġun
tal-ward li għbart
minn dina l-art.



Noħlom : quddiem għajnejja
mar-riħ itir iż-żah'r
tas-siġra tiegħi ;
u nistħajjilha ġejja
fuq dahri l-istaġun
fejn il-ferħ tar,
nissel l-imrar.

Noħlom : quddiem għajnejja
mal-ksieħ jidbiel il-ward
tax-xtieli tiegħi ;
u nistħajjilha għaddejja
fuq dahri l-istaġun
ta' moħħ li miel,
ta' ħsieb li dbiel.

## IL-MILIED IT-TAJJEB

*Ta'* Ġużè' Borg Pantalleresco

*Lill-Professur*
*Kav. G. Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.,*
*u l-familja tiegħu.*

Dal-versi fqajrin
żomm b'tifkira tiegħi
biex meta nkun ħallejtkom,
kif dejjem
terġgħu ssibuni ħdejkom
b'demgħa f'għajnejja,
bil-palptu ta' qalbi
u bi tbissima ħelwa
fuq xofftejja.

J'Alla,
jiem il-Milied
jaslu għal qalbkom
bħal vuċi ħelwa
li mill-bogħod taslilkom
u li nixtiquha dejjem magħna;
għax fid-dmugħ tfarraġna
u żżommna ferħana !